Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,826, 6 ta' Awissu, 1999
Taqsima B

A.L. 144 ta' l-1999

ATT DWAR IS-SERVIZZI TA' IMPIEG U TAĦRIĠ (KAP. 343)

Regolamenti ta' l-1999 dwar id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li Jibdew jew Itemmu Impieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għal Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti:–

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 li jemendaw ir-Regolamenti fuq id-Dokumentazzjoni dwar Haddiema li Jibdew jew Itemmu Impieg, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 fuq id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li Jibdew jew Itemmu Impieg, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 110 ta' l-1993.

2. Fir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "l-formola ta' ingaġġ speċifikata fl-Iskeda li tinsab" għandhom jidħlu l-kliem "l-formola ta' ingaġġ relattiva speċifikata fl-Iskeda I jew fl-Iskeda II, skond il-każ, li jinsabu". Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fil-paragrafu (a) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fl-Iskeda li tinsab" għandhom jidħlu l-kliem "fl-Iskeda III li tinsab". Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jidħlu dawn l-Iskedi I, II u III ġodda li ġejjin:– Jissostitwixxi Skedi ġodda mar-regolamenti prinċipali.

"SKEDA I

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ
(KAP. 343)

Formola ta' Bidu ta' Impieg għal Persuna Impjegata

Noti għal min iħaddem:

1. Għandek timla formola bhal din għal kull persuna li tibda taħdem miegħek.

2. F'kull każ ta' bidu ta' impieg, din il-formola mimlija kif imiss għandek tibgħatha lill-Korporazzjoni fl-istess jum li fih jibda l-impieg.

3. Jekk il-persuna li se taħdem miegħek qatt ma ħadmet qabel, din għandha tippreżentalek:
   a) Ċertifikat informali tat-twelid, mill-Insinwa (jekk ħi taht il-21 sena)
   b) Karta ta' l-identità tagħha
   ċ) Formoli NI3 u NI5 mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew, jekk ikun il-każ, fil-każ ta' persuna ta' nazzjonalità barranija, ċertifikat mill-istess Dipartiment li tkun ġiet eżentata mill-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.

4. Jekk il-persuna li se taħdem miegħek għadha ma għalqitx is-16-il sena, jew għalqithom bejn il-15 ta' Lulju tas-sena li tiġi minnufih qabel din is-sena u l-14 ta' Lulju ta' dis-sena, din għandha tippreżentalek ċertifikat li ħi eżentata milli tmur l-iskola. Dan iċ-ċertifikat għandu jinkiseb mill-*Welfare Section* tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, Il-Mall, Floriana. Biex jikseb dan iċ-ċertifkat min japplika għandu jagħti lid-Dipartiment imsemmi:

   a) Ċertifikat tat-twelid informali

   b) Dikjarazzjoni mill-persuna li bi ħsiebha thaddimha, u

   ċ) Ċertifikat mill-iskola fejn tkun marret l-aħħar.

Dan japplika wkoll jekk il-persuna tkun ta' età obbligatorja li tattendi għall-iskola u tkun fi ħsiebha taħdem matul il-vaganzi tas-sajf biss.

5. Fil-każ ta' persuna mwielda barra minn Malta li ma għalqitx 21 sena, u li jkollha ċittadinanza doppja (dik Maltija u dik ta' pajjiż ieħor), tkun teħtieġ ċertifikat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Department of Citizenship and Expatriate Affairs) dwar iċ-ċittadinanza tagħha.

6. Persuna li ma jkollhiex ċittadinanza Maltija, tkun teħtieġ Liċenzja tax-Xogħol li tinkiseb mill-imsemmi Dipartiment (Citizenship and Expatriate Affairs) qabel ma' tkun tista' taħdem f'Malta.

7. Iċ-ċertifikati msemmija f'paragrafu 3(a) u, jekk ikun il-każ, iċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafi 4, 5 u 6 għandhom jintbagħtu lil din il-Korporazzjoni flimkien ma' din il-formola.

8. Il-kliem użati fit-tieni kolonna tat-Taqsima II ta' din il-formola **(Dettalji ta' l-Impieg)** għandhom jiftiehmu kif ġej:

a) "Kuntratt Definit" jirreferi għal impieg temporanju, jiġifieri li jittermina wara perijodu determinat li jkun miftiehem bil-quddiem bejn min iħaddem u l-impjegat;

b) "Kuntratt Indefinit" jirreferi għal impieg permanenti, jiġifieri impieg li jibqa' wieħed validu sakemm xi wieħed mill-partijiet involuti jiddeċiedi li jitterminaħ;

ċ) *"Casual worker"* huwa wieħed li jissejjaħ fuq il-post tax-xogħol mhux fuq bażi ta' sigħat regolari;

d) *"Outworker"* huwa impjegat li jaħdem mid-dar tiegħu stess u jitħallas skond l-ammont ta' xogħol li jagħmel u mhux salarju fiss;

e) "Apprendista" huwa min ikun għadu jistudja fi skema ta' edukazzjoni jew taħriġ u li fl-istess ħin beda jaħdem mal-prinċipal bħala parti minn dik l-iskema;

f) "Student" huwa persuna li —

(i) tkun qed tistudja *full-time* u tirċievi stipendju, u

(ii) tkun taħdem u, jew tagħmel taħriġ waqt il-vaganzi skolastiċi.

9. Fit-Taqsima III **(Dettalji ta' Min Iħaddem)**, "Numru ta' min iħaddem" n-numru mogħti lilek mill-Korporazzjoni meta irreġistrajt bħala kumpannija jew bħala persuna li taħdem għal rasek li thaddem l-impjegati. Jekk din hija l-ewwel darba li qed thaddem lil xi ħadd u għad m'għandekx dan in-numru, għandek thallih vojt. Iżda d-dettalji l-oħra għandek timlihom kollha.

10. Din il-formola għandha tintbagħat –

f'Malta, lil:	**f'Għawdex, lil:**
Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ	Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ
Sezzjoni Informazzjoni dwar Riżorsi Umani	Triq l-Imġarr
PO Box 20	VICTORIA VCT111
BIRZEBBUGA BBG 01.	
F'każ ta' diffikultà ċempel 684940	*F'każ ta' diffikultà ċempel 561513*

Tintbagħat irċevuta għal kull formola li tasal.

11. Prinċipal li ma jibgħatx din il-Formola fiż-żmien stipulat jista' jeħel multa skond kif kontemplat fl-Avviż Legali 110 ta' l-1993.

12. Dawn in-noti jservu biss bħala gwida.

B 1178

IMPORTANTI: QABEL MA TIMLA DIN IL-FORMOLA AQRA N-NOTI F'PAĠNI 1-2

TAQSIMA I: DETTALJI TA' L-IMPJEGAT

Numru tal-Karta ta' l-Identità ☐☐☐☐☐☐☐☐ Numru tas-Sigurtà Soċjali ☐ ☐☐☐☐☐☐ ☐☐

Kunjom ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Isem ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Data tat-Twelid

☐☐ ☐☐ ☐☐☐☐

Jum Xahar Sena

Indirizz:

Nru./Isem tad-Dar ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Triq ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Belt/Raħal ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐ Kodiċi Postali ☐☐☐☐☐☐

Sess:

Raġel ☐

Mara ☐

Ċittadinanza:

Maltija ☐

Barranija ☐

Doppja ☐

Stat:

Ġuvni/Xebba ☐

Miżżewweġ/ġa ☐

Separat/a ☐

Divorzjat/a / Annullament ☐

Armel/Armla ☐

Ċittadinanza: _____

Isem u kunjom il-missier ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Kunjom xbubitek ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Isem u kunjom martek/żewġek ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

TAQSIMA II: DETTALJI TA' L-IMPIEG

X'tip ta' impieg?

(Immarka waħda f'kull kolonna)

Full-time ☐

Part-time ☐

Part-time (Sighat imnaqqsa) ☐

Kuntratt Definit ☐

Kuntratt Indefint ☐

Casual worker ☐

Outworker ☐

Trainee/Apprendista ☐

Student ☐

Data meta beda l-impieg.

☐☐ ☐☐ ☐☐☐☐

Jum Xahar Sena

Jekk ix-xogħol huwa b'Kuntratt Definit, għid meta dan jiskadi

☐☐ ☐☐ ☐☐☐☐

Jum Xahar Sena

Titolu tal-Kariga

☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Xogħol, sengħa jew professjoni

☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Lokalità fejn se jaħdem l-impjegat.

☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

TAQSIMA III: DETTALJI TA' MIN IĦADDEM

Numru ta' min iħaddem

Isem u kunjom tal-prinċipal

Isem il-kumpannija

Indirizz: Nru./Isem

Triq

Belt/Raħal Kodiċi Postali

Telefon Fax P.E. No.

X'inhi l-attività prinċipali tan-negozju? _____

Immarka x'tip ta' negozju

- ☐ Naħdem għal rasi (ma nimpjegax nies)
- ☐ Naħdem għal rasi (bl-impjegati)
- ☐ Entità li ma tagħmilx profitti
- ☐ Soċjetà
- ☐ Kumpannija reġistrata bl-ishma
- ☐ Dipartiment jew Enti tal-Gvern

Jekk min iħaddem ikun kumpannija għid hix:

- ☐ Kumpannija li tagħmel parti minn grupp
- ☐ Kumpannija *holding*
- ☐ Kumpannija li ma tagħmilx parti minn grupp

Immarka s-settur:

- ☐ Dipartiment tal-Gvern
- ☐ Korporazzjoni/Awtorità
- ☐ Kumpannija li fiha l-Gvern ikollu l-ikbar għadd ta' ishma
- ☐ Kumpannija b'ishma ndaqs bejn il-Privat u l-Gvern
- ☐ Kumpannija ta' sidien maltin
- ☐ Kumpannija ta' sidien barranin

TAQSIMA IV: DIKJARAZZJONI

Jien, li l-partikolaritajiet tiegħi jidhru hawn aktar 'l isfel, f'ismi jew għax awtorizzat kif dovut, niddikjara li l-informazzjoni kollha mogħtija f'din il-formola hija sewwa u korretta, u li l-impjegat/a ġie/t informat/a bid-dettalji kollha li hawn f'din il-formola.

Firma ta' min iħaddem

Firma ta' l-impjegat/a

Titolu tal-Kariga

Numru tal-Karta ta' l-Identità

Data

Jum Xahar Sena

B 1180

SKEDA II

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ
(KAP. 343)

Formola ta' Bidu ta' Impieg għal Min Jaħdem għal Rasu

Noti għal min se jibda jaħdem għal rasu:

1. Din il-formola għandha timtela minn min se jibda jaħdem għal rasu għall-ewwel darba, u minn min kien digà ħekk jaħdem għal rasu imma waqaf u se jerġa' jibda jaħdem għal rasu.

2. Jekk int se tħaddem lil xi ħadd mieġħek, għandek timla din il-Formola ta' Bidu kif ukoll Formola ta' Bidu ta' Impieg għal Persuna Impjegata għal kull impjegat li qed jibda jaħdem mieġħek

3. Din il-formola għandek timlija u tibgħatha lill-Korporazzjoni fl-istess jum li fih tibda taħdem għal rasek.

4. Jekk inti qatt ma ħdimt qabel, għandek bżonn:

a) Ċertifikat informali tat-twelid, mill-Insinwa (jekk int taħt il-21 sena)

b) Karta ta' l-identità

ċ) Formoli NI3 u NI5 mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jew, jekk int persuna ta' nazzjonalità barranija, ċertifikat mill-istess Dipartiment li tkun ġejt eżentat/a mill-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, jekk ikun il-każ.

5. Jekk int persuna mwielda barra minn Malta li ma għalaqtx il-21 sena, u li għandek ċittadinanza doppja (dik Maltija u dik ta' pajjiż iehor), għandek bżonn ta' ċertifikat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Department of Citizenship and Expatriate Affairs) dwar iċ-ċittadinanza tiegħek.

6. Fil-każ li m'għandekx ċittadinanza Maltija, għandek bżonn ta' Liċenzja tax-Xogħol li tinkiseb mill-imsemmi Dipartiment (Citizenship and Expatriate Affairs) qabel tkun tista' taħdem Malta. Din il-liċenzja tinhareġ mid-Dipartiment taċ-Ċittadinanza.

7. Iċ-ċertifikati imsemmija f'paragrafu 4(a) u, jekk ikun il-każ, iċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafi 5 u 6, għandhom jintbagħtu lill-Korporazzjoni flimkien ma' din il-formola.

8. F'din il-Formola, fejn hemm il-kliem –

"Indirizz" f'Taqsima I għandu jitniżżel l-indirizz personali ta' min jaħdem għal rasu.

"Lokalità fejn qiegħda l-fergħa/post tax-xogħol f'Taqsima II għandu jitniżżel l-isem tal-belt jew raħal fejn inti tagħmel ix-xogħol tiegħek, jekk int taħdem f'post fiss.

"Indirizz tax-Xogħol" f'Taqsima II għandu jitniżżel l-indirizz tal-post fejn tirċievi l-korrispondenza tax-xogħol tiegħek, iżda dan m'għandux ikun Numru ta' Kaxxa Postali.

9. Din il-Formola, flimkien ma' xi formoli oħra li mlejt, għandek tibgħathom–

f'Malta, lil:	**f'Għawdex, lil:**
Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ	Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ
Sezzjoni Informazzjoni dwar Riżorsi Umani	Triq l-Imġarr
PO Box 20	VICTORIA VCT111
BIRZEBBUGA BBG 01.	
F'każ ta' diffikultà ċempel 684940	*F'każ ta' diffikultà ċempel 561513*

Tintbagħat irċevuta għal kull formola li tasal.

10. Persuna li taħdem għal rasha u ma tibgħatx din il-Formola u ma tagħmilx hekk fiż-żmien stipulat tista' teħel multa skond kif kontemplat fl-Avviż Legali 110 ta' l-1993.

11. Dawn in-noti jservu biss bħala gwida.

B 1182

IMPORTANTI: QABEL MA TIMLA DIN IL-FORMOLA AQRA N-NOTI F'PAĠNI 1-2

TAQSIMA I: DETTALJI TA' L-IMPJEGAT

Numru tal-Karta ta' l-Identità ☐☐☐☐☐☐☐☐ Numru tas-Sigurtà Soċjali ☐ ☐☐☐☐☐☐ ☐☐

Kunjom ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Isem ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Data tat-Twelid

☐☐ ☐☐ ☐☐☐☐
Jum Xahar Sena

Indirizz:

Nru./Isem tad-Dar ☐☐

Triq ☐☐

Belt/Rahal ☐☐ Kodiċi Postali ☐☐☐☐☐☐

Sess:
Raġel ☐
Mara ☐

Ċittadinanza:
Maltija ☐
Barranija ☐
Doppja ☐

Stat:
Ġuvni/Xebba ☐
Miżżewweġ/ġa ☐
Separat/a ☐
Divorzjat/a / Annullament ☐
Armel/Armla ☐

Ċittadinanza: _____

Isem u kunjom il-missier ☐☐

Kunjom xbubitek ☐☐

TAQSIMA II: DETTALJI TAX-XOGHOL

X'tip ta' Xogħol?
(Immarka jekk hux *Full-Time* jew *Part-Time*)

Full-time ☐ Part-time ☐

Data ta' bidu ta' xogħol għal rasek

☐☐ ☐☐ ☐☐☐☐
Jum Xahar Sena

Xogħol, sengħa jew professjoni

☐☐

Lokalità fejn qiegħda l-fergħa/post tax-xogħol

☐☐

Isem id-Ditta

Indirizz tax-xogħol:

Nru/Isem tad-Dar

Triq

Belt/Raħal Kodiċi Postali

Telefon Fax P.E. No.

Attività prinċipali tan-negozju

Immarka kif taħdem

Naħdem għal rasi (ma nimpjegax nies) ☐

Naħdem għal rasi (bl-impjegati) ☐

Settur

Negozju privat ta' sidien Maltin ☐

Negozju privat ta' sidien barranin ☐

TAQSIMA III: DIKJARAZZJONI

Niddikjara li l-informazzjoni kollha mogħtija f'din il-formola hija sewwa u korretta.

Firma

Kariga

Data

Jum Xahar Sena

B 1184

SKEDA III

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ
(KAP. 343)

Formola ta' Tmiem ta' Impieg

Noti għal min se jimla l-formola:

1. Din il-formola għandha timtela minn:–

- Prinċipal, kull meta xi persuna ma tibqax taħdem miegħu.
- Prinċipal, kull meta persuna li taħdem miegħu jinbidlilha t-tip ta' kuntratt, bħal meta taqleb minn *part-time* għal *full time*, jew minn kuntratt definit għal wieħed indefinit, jew għal kull raġuni oħra.
- Kull persuna li ma tibqax taħdem għal rasha.

2. Din il-Formola tapplika sew għal impieg *full-time* sew *part-time* u, jew li tkun taħdem għal rasek.

3. Din il-formola għandha tintbagħat FI ŻMIEN ERBAT IJIEM mit-tmiem ta' l-impieg –

f'Malta, lil:
Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ
Sezzjoni Informazzjoni dwar Riżorsi Umani
PO Box 20
BIRŻEBBUĠA BBG 01.

F'każ ta' diffikultà ċempel 684940

f'Għawdex, lil:
Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ
Triq l-Imġarr
VICTORIA VCT111

F'każ ta' diffikultà ċempel 561513

Tintbagħat irċevuta għal kull formola li tasal.

4. Min għandu l-obbligu jibgħat din il-Formola u ma jagħmilx hekk fiż-żmien stipulat jista' jeħel multa skond kif kontemplat fl-Avviż Legali 110 ta' l-1993.

5. Dawn in-noti jservu biss bħala gwida.

PART I – DETTALJI TA' MIN IĦADDEM

Numru tal-Karta ta' l-Identità ☐☐☐☐☐☐☐☐ Numru tas-Sigurtà Soċjali ☐ ☐☐☐☐☐☐ ☐☐

Kunjom ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Isem ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐

Data tat-Twelid

☐☐ ☐☐ ☐☐☐☐

Jum Xahar Sena

Indirizz: Nru/Isem tad-Dar ☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐☐